A.L. 265 ta' l-2001

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP
(KAP. 356)

Ordni ta' l-2001 dwar il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp (Għadd ta' Fergħat)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, il-Prim' Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' l-2001 dwar il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp (Għadd ta' Fergħat).

(2) Dan l-Ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru, 2001.

Fergħat tal-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp.

2. Il-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp għandu jkollha żewġ fergħat.